# Il-logħob tal-azzard onlajn

Fil-25 ta' Marzu, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat karta ħadra dwar ir-regolamentazzjoni tal-logħob tal-azzard li jsir minn fuq l-internet fl-Istati Membri. Dan huwa settur li jikkontribwixxi sostanzjalment għall-ekonomija tal-Unjoni Ewropea tant li huwa stmat li fl-2011 dan il-logħob se jiġġenera €9.08 biljun.

Sa issa, fl-Unjoni Ewropea għad m'hemmx qafas leġislattiv wieħed li jirregola l-logħob tal-azzard onlajn fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, permezz ta' dan id-dokument il-Kummissjoni Ewropea qed tikkonsulta dwar l-organizzazzjoni tas-settur tal-logħob tal-azzard fis-27 Stat Membru bl-iskop li tinvestiga l-possibilità li jkun hemm liġi waħda Ewropea li tirregola dan is-settur.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tikkonsulta dwar:

- Il-prattiċi użati minn kumpaniji tal-logħob tal-azzard fejn jidħlu komunikazzjoni kummerċjali onlajn, identifikazzjoni tal-konsumaturi u sistemi ta' ħlas.
- Il-protezzjoni tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-frodi, ħasil ta' flus u reati oħra.
- L-infurzar tar-regolamenti fosthom dawk tar-reġistrazzjoni u l-liċenzjar ta' kumpaniji tal-logħob tal-azzard. Huwa stmat li fid-dinja, għal kull kumpanija reġistrata hawn ħamsa li mhumiex reġistrati.

Din il-konsultazzjoni hija waħda mill-inizjattivi li l-Unjoni Ewropea qed tieħu biex issaħħaħ wieħed mill-erba' pilastri tal-ekonomija Ewropea, jiġifieri l-moviment ħieles tas-servizzi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

**Il-Karta Ħadra tinsab fis-sit:**
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.o?uri=COM:2011:0128:FIN:en:PDF



Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas